MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Numru. 873/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Teodisio Baldacchino iben Nazzareno u Angela nee` Micallef, imwieled l-Imqabba detentur ta` karta ta` identita bin-numru 247662M u residenti, 552, FL 2 Triq Mons. Mikiel Azzopardi is-Siggiewi.

Talli;

Fil-lejl ta` bejn id-9 ta` Settembru 2013 u l-10 ta` Settembru 2013 ghal-habta tan:00:30hrs gewwa is-Siggiewi u f`dawn il-gzejjer volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47 euro) ghad-detriment ta` Ritienne Borg u jew persuni ohra.

Ukoll talli fl-istess hin, lok, u cirkostanzi bl-imgieba tieghu ikkaguna lis-siehba tieghu Ritianne Borg detentrici ta` karta ta` l-identita bin-numru ID :180079MM, biza li se tintuza vjolenza kontriha , jew kontra l-propjeta taghha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lis-siehba tieghu Ritienne Borg biza li ser tintuza vjolenza kontriha f`xi okkazzjoni.

Ukoll talli fl-istess, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il boun ordni u l-paci pubblika b`ghajjat u glied.

Ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru ta` registazzjoni b`mod perikoluz u traskurat.

Ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru ta` registazzjoni b`mod perikoluz u traskurat.

Ukoll talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai terimni tal-artikoli 49,50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta` Malta wra li huwa ga gie misjub hati permezz ta` diversi sentenzi moghtija mil-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 325, 251B, 338(dd), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-artikolu 15 tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti ma ssibx lill-istess imputat Teodisio Baldacchino hati ta` l-akkuzi dedotta kontra tieghu u ghal daqstant qiegheda tilliberah minn kull akkuza.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR. ANTHONY J. VELLA BA,LL.D.,MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------